# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

**Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja**
**ppubblikata mis-Soċjetà Patristika Maltija**
**Nru 2      30 ta' Lulju 2017**


## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Huwa pjaċir tiegħi li niktbilkom dawn il-kelmtejn biex inżommu ħaj il-kuntatt ta' bejnietna. Nieħu gost nosserva, f'pajjiżna, interess dejjem jikber għall-Missirijiet tal-Knisja. Dan nista' ngħidu minħabba l-*feedback* li qed ikollna, frott il-programm ta' kull ta' nhar ta' Erbgħa fuq Radju Marija dwar Missirijiet il-Knisja, kif ukoll ir-rubrika ta' kull l-ewwel Ħadd tax-xahar fil-gazzetta Nisranija, *Il-Leħen*.
Dan l-interess jikkonsisti mhux biss fit-tagħrif biografiku dwar is-Santi Padri, imma wkoll fil-kontenut ta' dak li huma kitbu. Dan huwa ferm importanti, għax f'dak li huma kitbu, insibu materjal li jgħinna napprezzaw aktar il-fidi Nisranija tagħna u nissaħħu fiha.
J'Alla nkomplu dan il-kuntatt ta' bejnietna. Nitlobkom ukoll biex tgħaddu din in-*newsletter* tagħna lill-ħbieb tagħkom.

Dun Hector Scerri
Koordinatur

## Fuq Radju Marija

Skeda ta' programmi dwar il-Missirijiet tal-Knisja, *Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj*, kull **nhar ta' Erbgħa fit-3.30pm**, b'ripetizzjoni it-Tnejn fil-5.30am u l-Ġimgħa fis-1.00am.

*Sa issa ġew trattati Melitone ta' Sardis (28 ta' Ġunju), Tertulljanu (5 ta' Lulju), Ewsebju ta' Ċesarea (12 ta' Lulju), Ilarju ta' Poitiers (19 ta' Lulju) u Ċirillu ta' Ġerusalemm (26 ta' Lulju).*
Dawn huma l-programmi li jmiss fil-ġimgħat li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| 2 ta' Awwissu | **Possidju** | (Salvinu Caruana OSA) |
| 9 ta' Awwissu | **Alipju** | (Salvinu Caruana OSA) |
| 16 ta' Awwissu | **Ċirillu ta' Lixandra** | (Mark Sultana) |
| 23 ta' Awwissu | **Pietru Krisologu** | (Hector Scerri) |
| 30 ta' Awwissu | **Eġerja** | (Nadia Delicata) |
| 6 ta' Settembru | **Ljun il-Kbir** | (Jonathan Farrugia) |
| 13 ta' Settembru | **Skolastika** | (Nadia Delicata) |
| 20 ta' Settembru | **Girgor il-Kbir** | (Hector Scerri) |

# *Siltiet minn Missirijiet il-Knisja*

Sant'Ambroġ lil oħtu Marċellina, verġni konsagrata

"Ersaq lejn Kristu bil-kus tiegħek, o verġni, biex jimlihulek bil-fwieħa tgħaxxaq tiegħu li ma tistax titħallas bi tletin biċċa tal-fidda, għax mhix għall-bejgħ, iżda tingħata lil kulħadd b'xejn. Roxx fuqek il-fwieħa ta' Kristu, o verġni, u la titnikkitx bħal Ġuda. Jekk dil-fwieħa tintraxx fuqek u tagħmel minnek qabar għal Kristu, agħlaq sewwa il-kus tiegħek biex iżżomm għalik il-fwieħa ta' Kristu. Iva, agħlqu u ssiġillah bil-verġnità biex iżżomm l-ungwent ta' Kristu u ma titilfux. Sakkru bil-muftieħ tas-safa, tar-rażan, tal-qima u taż-żeblieħ tal-glorja tad-dinja.

"Aħtar ħajtek kollha għal Kristu bit-talb u l-għassa, u offri lil Kristu kuljum bil-kliem u bl-għemil ... Fewwaħ xogħolok bl-ungwent spiritwali li minnu tinxtered il-fwieħa ġenwina tal-fidi ... Hekk inti tkun tista', o verġni, tgawdi għalik il-paċi ta' Kristu. Dan hu li jrid Kristu minnek, u għalhekk sejjaħlek. Hu wiegħdek li jgħammar f'qalbek, u hu jibqa' jżomm kelmtu. Mela iftaħlu qalbek u għammar fih u fittxu biex permezz tiegħek ixerred dawlu. Ibqa' miegħu u afda fih bil-lingwaġġ tal-imħabba u l-fidi, u la tħallih qatt jitlaq ... Ħaffef biex tmur tilqgħu kull meta tisma' leħnu ... għax għandu mnejn jgħaddi jgħaġġel ... Żomm b'idejk is-salib ta' Kristu, għollih 'il fuq u ħaddnu f'kull ħin u qiegħed id-dinja taħt saqajk ... Sebbaħ lill-Mulej Ġesù ... Sebbħu bin-nhar u bil-lejl" (Traduzzjoni ta' P. Edmund Teuma OFM Conv, fil-ktieb ta' Selim Sayegh, *Verġni għal Kristu*, ĊAK, Malta 2006, 50-51).

Mill-kitbiet ta' San Pietru Krisologu

Punti prattiċi għall-ħajja tan-Nisrani: "*Hemm tliet ħwejjeġ li bihom il-fidi tissaħħaħ, it-tjieba titwettaq u l-virtù ma tintilifx: it-talb, is-sawm u l-ħniena. Dak li t-talb jitħabat għalih, jaqilgħu s-sawm, u tirċevih il-ħniena ... Dawn it-tlieta huma ħaġa waħda, u jagħtu l-ħajja lil xulxin ... Mela ħa jkunu t-talb u l-ħniena u s-sawm ħarsien wieħed għalina quddiem il-Mulej ... Ħa jkunu t-talba waħda tagħna bi tlett ilħna quddiemu*" (minn **Omelija 43**).

Dwar l-Inkarnazzjoni: "*Meta kien għadu ma twelidx bħala bniedem, mit-tajn mhux mittiefes Alla sawwar il-bniedem; meta twieled bħala bniedem sawwar il-ġisem tiegħu ta' bniedem minn ġisem mhux mittiefes. Dak li għoġbu jieħu ftit tajn f'idu biex jagħmel il-bniedem, għoġbu wkoll jieħu ġisem għas-salvazzjoni tagħna ... Ħa n-natura tagħna l-bnedmin biex il-bniedem ma jiġġarrafx aktar; hu li ħalaq il-bniedem tal-art, ried jagħmlu wkoll bniedem tas-sema*" (minn **Omelija 148**).


| | |
|---|---|
| Facebook: | Soċjetà Patristika Maltija |
| Indirizzi elettroniċi: | socjeta.patristika@gmail.com<br>hector.scerri@um.edu.mt |